MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1002/2011

**Grazia Grima**

**-vs-**

**Annalice *sive* Annalise Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi hija l-proprjetarja tal-fond bin-numru tmintax (18), fi Triq l-Imdina, is-Siġġiewi;

Illi lura fis-snin l-imsemmi fond kien mikri lil Nicholas Mangion li miet nhar it-22 ta' Ġunju 2008 u dan skont kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt tal-istess Nicholas Mangion hawn anness u mmarkat bħala Dok GG1;

Illi l-ebda persuna, inkluża l-konvenuta, ma wirtet il-kirja tal-imsemmi fond;

Illi wara l-mewt tal-imsemmi Nicholas Mangion il-konvenuta b'mod abbużivament ħadet iċ-ċwievet tal-imsemmi fond u bdiet tirrifjuta li tiżgombra mill-imsemmi fond u tikkonsenja ċ-ċwievet lill-attriċi kull meta hija ġiet mitluba tagħmel hekk mill-istess attriċi;

Illi l-konvenuta tgħix flimkien mal-membri tal-familja tagħha fil-fond bl-isem Night Heron fi Triq il-Buttuniera, Marsaskala;

Illi għalhekk il-konvneuta qegħda tokkupa l-fond bin-numru (18), fi Triq l-Imdina, is-Siġġiewi b'mod abbużiv u llegali u l-istess konvenuta m'għandhiex u qatt ma kellha titolu validu fil-liġi fuq il-fond bin-numru tmintax (18), fi Triq l-Imdina, is-Siġġiewi;

Illi l-konvenuta ġiet interpellata diversi drabi mill-attriċi, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata nhar it-18 ta' Awissu 2011 hawn mehmuża mmarkata bħala Dok GG2 sabiex tiżgombra mill-imsemmi fond u tikkonsenja f'idejn l-attriċi kwalunkwe ċwievet tal-imsemmi fond li jinsabu fil-pussess tal-konvenuta;

Illi minkejja l-imsmemija interpellazzjonijiet, il-konvenuta baqgħet inadempjenti u għadha sal-lum tokkupa u żżomm għandha ċ-ċwievet tal-fond bin-numru tmintax (18), fi Triq l-Imdina, is-Siġġiewi, u dan mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għalhekk b'mod abbużiv u llegali;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ billi fil-fehma tal-istess rikorrenta l-konvenuta m'għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-iżgumbrament tagħha mill-fond bin-numru tmintax (18), fi Triq l-Imsida, is-Siġġiewi.

Għaldaqstant ir-rikorrenta, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja w opportuna u għar-raġunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta), titlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijet tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta);

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuta qedgħa tokkupa u tiddetjeni abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, il-fond bin-numru tmintax (18), fi Triq l-Imdina, is-Siġġiewi; u

3. Konsegwentement tordna l-iżgumbrament tal-konvenuta mill-fond bin-numru tmintax (18), fi Triq l-Imdina, is-Siġġiewi u dana fi żmien qasir u perentorju li l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bid-data tat-18 ta’ Awissu 2011 kontra l-konvenuta li minn issa tibqa’ mħarrka għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra nkluża dik għad-danni sofferti mill-attriċi minħabba l-okkupazzjoni llegali tal-imsemmi fond da parti tal-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Diċembru 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq talba tad-difensur tal-attriċi peress li t-transazzjoni li għaliha kien hemm riferenza fil-verbali preċedenti ma seħħitx;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mir-rikors imsemmi, l-attriċi qed titlob l-iżgumbrament tal-konvenuta mill-fond imsemmi peress li hija m’għandha ebda titolu legali biex tgħix ġo fih;

Illi l-konvenuta ma dehritx għas-seduta tas-7 ta’ Diċembru 2011 u għalhekk it-talba attriċi, li ġiet ukoll konfermata bil-ġurament tagħha ma ġietx kontradetta;

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi; u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta’ xahar.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jiġu sapportati mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------